KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
F: (0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

Jannar 10, 2018

**Rapport Amministrattiv għall-perjodu ta' bejn Jannar u Diċembru 2017**

Kif jitlob l-Att XV tal-1993 dwar it-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (Kap. 363), tal-anqas, darba fis-sena, il-Kunsill Lokali għandhom isejħu laqgħa tal-lokalità li għandha tinżamm qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja 2018. Il-Kunsill Lokali, wara din il-konsultazzjoni pubblika mar-residenti, iħejji Pjan ta' Ħidma ta' tliet snin li jkun rivedibbli.

**Allokazzjoni finanzjarja 2018**

| | |
|---|---|
| Parks and Gardens | €3,708.24 |
| Urban Maintenance | €51,420.51 |
| Rural Maintenance | €12,312.85 |
| Street Sweeping | €30,607.70 |
| Rural Cleaning | €5,353.41 |
| Waste Management | €54,082.65 |
| Administration Costs | €93,568.58 |
| Waste Tipping Fees | €11,671.00 |
| **Total Allocation for 2018** | **€262,725** |

Meta wieħed jikkompara l-allokazzjoni finanzjarja tas-sena 2018 mqabbla mas-sena 2017, jirriżulta li kien hemm żieda ta' Eur10,797 li jfisser 4.29% perċentwali.

Il-Kunsill Lokali, bħas-snin preċedenti, osserva bi prudenza l-immaniġġjar tal-finanzi li huwa wieħed mill-prinċipji importanti li Kunsill irid jaħdem bih. Rapporti finanzjarji jiġu pprezentati kull tliet xhur għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dawn ir-rapporti huma pubbliċi fejn wieħed jista' faċilment jaċċessa għalihom permezz tas-sit elettroniku www.localgovernment.gov.mt

Sindku (Mayor): Anthony Dalli, Viċi Sindku (Deputy Mayor): Dr Dorian Sciberras LL.D,
Kunsilliera (Councillors): Wilfrid Buttigieg, Maris Azzopardi, Yvonne Bartolo

Il-Kunsill Lokali huwa kawt fil-mod ta' kif jiġu amministrati l-fondi pubbliċi. B'ħala prijorità, il-Kunsill Lokali jassigura li jkopri l-kuntratti obbligatorji li jinkludu s-servizzi tal-*Accountant*, tal-Perit, *Contract Manager*, il-Konsulenti tal-Kunsill, il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku, s-servizz tal-ġbir tal-WEEE u bulky refuse, is-servizz tal-knis u l-indafa pubblika, is-servizz tal-manutenzjoni tal-Parki, ġonna u *soft areas*, il-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini, s-servizz tal-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq (street lighting), il-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku u l-marki taż-żebgħa, u servizzi oħra. Ma' dawn il-kuntratti obbligatorji, hemm in-nefqa amministrattiva u dik kapitali fejn il-Kunsill Lokali jimbarka fuq proġetti ġodda biex ikompli jtejjeb u jsebbaħ l-infrastruttura tal-lokal.

**Attendenza tal-Kunsillieri għas-seduti tal-Kunsill**

| | | | | IT-TMIEN KUNSILL | | 2017 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LAQGHA NO. | DATA | GURNATA | DALLI ANTHONY | SCIBERRAS DORIAN | BUTTIGIEG WILFRID | AZZOPARDI MARIS | BARTOLO YVONNE |
| 32 | 10/01/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 33 | 31/01/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 34 | 14/02/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 35 | 14/03/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 36 | 10/04/2017 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 37 | 25/04/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 38 | 09/05/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOGIJA | IVA |
| 39 | 30/05/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOGIJA | IVA | IVA |
| 40 | 13/06/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOGIJA | IVA | IVA |
| 41 | 18/07/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 42 | 22/08/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 43 | 19/09/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 44 | 10/10/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 45 | 23/10/2017 | It-Tnejn | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOGIJA | IVA | IVA |
| 46 | 14/11/2017 | It-Tlieta | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA | IVA |
| 47 | 11/12/2017 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |

Il-Kunsill Lokali ltaqa' formalment 16-il darba. L-attendenza tal-membri fil-Kunsill kienet waħda sodisfaċenti. Il-laqgħat huma pubbliċi u streamed live għall-benefiċċju tar-residenti u l-pubbliku nġenerali.

Is-Sindku Anthony Dalli attenda għas-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku Dorian Sciberras attenda għas-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Kunsillier Wilfrid Buttigieg attenda 12-il seduta u kien assenti b'apoloġija (4) laqgħat. Il-Kunsillier Maris Azzopardi attendiet 15-il seduta u kienet darba assenti b'apoloġija. Il-Kunsillier Yvonne Bartolo attendiet għas-seduti kollha tal-Kunsill.

**Proġetti infrastrutturali fil-lokal**

- Is-sena 2017 kienet sena oħra mpenjattiva għall-Kunsill b'ħidma mingħajr waqfien.

- Il-bidu ta' din is-sena kien ikkarratterizzata minn proġett massiv mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fiż-żona urbana. Sfortunatament dan il-proġett ġab miegħu diffikultajiet bla bżonn, iżda bl-involviment dirett tal-Kunsill irnexxielna nġibu l-aħjar għall-lokal tagħna. L-infrastruttura fit-toroq residenzjali reġgħet ġiet lura għan-normal fl-ewwel kwart ta' din is-sena.

- Il-proġett fi Triq in-Naxxar ġab diffikultajiet ġodda tat-traffiku u l-Kunsill baqa' għaddej bil-laqgħat mall-Bord ta' *Traffic Management*. Fuq dan it-tip ta' proġetti li jimpattaw b'mod negattiv fuq ir-residenti tal-lokal sakemm jitlestew ix-xogħlijiet, il-Kunsill dejjem jisħaq dwar l-importanza li l-entitajiet għandhom jikkonsultaw mall-Kunsill fl-istadju preliminari tal-proċess u mhux mal-implimentazzjoni tal-proġett. Iżda b'rieda soda li naslu mal-awtoritajiet konċernati, il-Kunsill irnexxielu jinnegozja l-aħjar ftehim mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u mall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. B'dan il-mod, il-Kunsill ġab l-aħjar riżultati għall-ġid komuni ta' din il-lokalità billi ġew asfaltati toroq sħaħ fi *service road* ta' Triq Dun Karm, Triq Ċensu Bugeja, u parti minn Triq Ġeronimo Abos.

- Bħala parti mill-pjan ta' ħidma għal din is-sena, il-Kunsill imbarka fuq tliet proġetti infrastrutturali ġodda. It-titjib u tisbieħ tat-tieni fażi tal-proġett fi Triq il-Wied, li kienu jinkludu water *mains* ġodda tal-ilma mill-WSC biex jitjieb is-servizz tal-ilma lill-konsumatur, bankini ġodda, u *soft landscaping* fejn ġiet imxettla il-klin (rosmarinus officinalis) fl-imsemmi wied.

- Proġett ieħor infrastrutturali għall-ġid komuni tar-residenti ta' Triq Anton Buttigieg tlesta ftit qabel il-festi tal-Milied fejn sar *water main* ġdid u bankini ġodda tal-*concrete* biex titjieb l-aċċessibilità, inkluż għall-persuni bi bżonnijiet differenti.

- Proġett ieħor kien titjib fl-infrastruttura fit-Telgħa tal-Għaqba li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill fejn it-triq kellha wiċċ difettuż u kienet ta' periklu għall-istudenti u s-sewwieqa li jaċċessaw minn din it-triq. Ix-xogħol tlesta kif kien skedat fejn saret bankina ġdida tal-concrete u l-asfaltar f'waħda mill-karreġġjati biex nassiguraw infrastruttura tajba u fuq kollox is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni li jiffrekwentaw it-Telgħa tal-Għaqba fi triqithom lejn il-Kulleġġi u lejn in-Naxxar.

- Matul din is-sena wkoll, il-Kunsill kien applika għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja għal xogħlijiet infrastrutturali fiż-żona rurali tal-Iklin relatat mal-iżvilupp u l-immodernizzar fis-settur agrikolu bl-iskop li ntejbu l-aċċess lill-bdiewa u r-raħħala fi Triq il-Ħwawar fil-parti ta' ġewwa qalb ir-raba' taħt il-miżura M4.3 Rural Development Programme 2014-2020 – *Support for Investments in infrastructure related to development, modernization or adaptation of agriculture and forestry*. Il-proġett propost kien stmat li ser jiġi jiswa €300,000. B'sodisfazzjon, il-Kunsill Lokali irċieva komunikat nhar il-15 ta' Diċembru 2017 li fuq rakkomandazzjoni tal-*Project Selection Committee*, il-proġett propost 'Enhancing Farm Access Roads in L-Iklin' kien magħżul taħt din il-miżura u fejn il-Kunsill Lokali L-Iklin ser jagħmel investiment ta' Eur232,325. Rural Development Programme ser tikkontribwixxi Eur209, 093 filwaqt li l-Kunsill Lokali L-Iklin ser joħroġ 10% *co-financing* li jfisser ammont ta' Eur23, 233.

- F'Novembru li għadda, il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu biex japplika taħt miżura oħra M4.4 – Investments in Physical Assets – Support for non-productive investments linked to the achievement of agri-environment-climate objectives bil-proġett propost restawr u rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ f'diversi żoni madwar L-Iklin li jinsabu fi stat ta' dilapidazzjoni bl-iskop li nipproteġu ż-żona rurali. Il-Kunsill qed jaħdem fuq l-applikazzjoni taħt il-miżura M4.4 fejn il-Kunsill jista jibbenifika sa massimu ta' €150,000 minn fondi permezz ta' ko-finanzjament 80%-20% jekk il-Kunsill Lokali jikkwalifika għal dan il-proġett. Wara li saru spezzjonijiet madwar L-Iklin, ġew identifikati numru ta' żoni. Wara konsultazzjoni wiesgħa mall-Perit tal-Kunsill u ma' MEUSAC, l-identifikazzjoni tas-siti nieżlu għal erba li jinkludu parti minn Sqaq Ġarda, Sqaq in-Namur, Triq Richard Taylor, u parti minn Triq Għargħur. Is-sottomissjoni ser issir fil-bidu tas-sena l-ġdida u l-Kunsill Lokali jittama li jikkwalifika għal dan il-proġett. Fl-eventwalità li l-Kunsill Lokali L-Iklin jikkwalifika għal dan il-proġett, il-Kunsill irid jalloka 20% tal-valur eliġibbli.

- Matul din is-sena, il-Kunsill Lokali ra l-akbar numru ta' applikazzjonijiet dwar permessi ta' żvilupp fil-lokalità. Barra minn hekk, qed nesperjenzaw applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp f'żoni barra mill-iżvilupp u f'*Open Strategic Gaps* u għaldaqstant il-Kunsill qed jiddedika ħafna ħin mir-riżorsi limitati tiegħu biex isegwi policies eżistenti tal-Awtorità u jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu kull darba li tinħass il-ħtieġa. Nirringrazzjaw lil ħafna residenti li juru nteress u jikkoperaw mall-Kunsill meta jsiru r-rappreżentazzjonijiet u nersqu quddiem l-awtoritajiet flimkien meta jkun meħtieġ.

- Lejn l-aħħar kwart tas-sena 2017, il-Kunsill Lokali ottjena l-permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-fond 'Wilson Garage' li jintuża għal skop soċjali. Fil-fatt, il-Kunsill Lokali issottometta applikazzjoni biex jirregolarizza l-fond bħala Sala tal-Kunsill skont l-Avviż Legali 285/2016. Ninsabu wkoll fil-proċess mal-Awtorità tal-Ippjanar biex joħroġ il-permess biex isiru xogħlijiet strutturali.

  Matul is-sena l-ġdida, il-Kunsill ser ikun għaddej bil-proċess tal-Procurement biex eventwalment isiru x-xogħlijiet neċessarji biex
  dan il-fond jerġa jibda jaqdi l-funzjoni tiegħu bħala spazju aċċessibbli għal kulħadd.

**Attivitajiet soċjali**

Il-Kunsill Lokali jkun minn ta' quddiem biex jaħtaf dawn l-opportunitajiet għall-benefiċċju tar-residenti tal-Iklin.

Matul is-sena 2017, il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali flimkien mall-Kunsill Lokali L-Iklin varaw proġett 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar – Kors b'xejn li kien jikkonsisti f'10 sessjonijiet u fejn ir-residenti tal-Iklin setgħu japplikaw biex jattendu għal dan il-kors interessanti.

Tixtieq tmexxi d-dar aħjar? Tixtieq tagħraf tgħix iktar f'saħħtek? Trid tkun taf iżjed dwar id-drittijiet tiegħek? Tixtieq tnaqqas l-ispejjeż u tipprova tfaddal aktar? Trid titgħallem riċetti sempliċi għal ikel bnin u tajjeb għas-saħħa?

Fil-fatt, kienu (25) persuna mill-Iklin li attendew għal dawn is-sessjonijiet. Iċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati se ssir fil-bidu tas-sena l-ġdida.

**Attività soċjali għall-komunità tal-Iklin bħala mezz ta' *community engagement***

Il-Kunsill Lokali jemmen fis-sħiħ dwar parteċipazzjoni attiva u proprju għal dan l-iskop li minn żmien għal żmien jistieden lill-komunità permezz ta' attivitajiet soċjali, kulturali, u dawk edukattivi.

Bejn 10 -12 Frar ġiet organizzata attività soċjali għall-komunità. Il-parteċipazzjoni kienet waħda aċċettabbli.

It-Tlieta, 7 ta' Marzu – ġiet organizzata attività soċjali għal Jum il-Mara;

Il-Ħadd 7 ta' Mejju – Festa tal-Fjuri

Il-Ħamis, 11 ta' Mejju – Attività soċjali għal Jum l-Omm

Fil-21 ta' Diċembru ġiet imtella 're-enactment' tal-ġrajja qaddisa tal-Milied fit-toroq tal-Iklin.

Fl-24 ta' Diċembru ġiet imtella l-attività 'Ġej il-Father Christmas';

Fis-27 ta' Diċembru 'Presentation Night' fit-Terrazzin tal-Kunsill;

Fit-28 ta' Diċembru ġiet organizzata attività għat-tfal tal-komunità;

**L-attività edukattiva 'Festa tal-Fjuri' 2017**

L-attività edukattiva 'Festa tal-Fjuri' tista tgħid li daħlet fil-kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill fejn għal sena oħra, din l-attività ittellgħet nhar is-7 ta' Mejju fi Trejqet ir-Rumanzieri. Din saret bil-kollaborazzjoni ta' Environment Landscapes Consortium Ltd, l-għaqdiet tal-lokal u l-Iskola Primarja Lija-Balzan-Iklin. L-attività kulturali saret fuq skala iżgħar mis-snin l-oħra iżda xorta waħda ħalliet ir-riżultati mixtieqa.

Għall-ewwel darba kemm ilha ssir din l-attività kulturali, l-Eco Café ġiet imtella fit-terrazzin tal-Kunsill fejn għal sena oħra ġew mistiedna kelliema kompetenti ittrattaw suġġetti varji dwar il-bio-diversità, pjanti endemiċi, l-użu tal-ħwawar, il-produzzjoni tal-fjuri u s-siġar indiġeni, u dwar in-natura.

Ittellgħet 'mini infiorata' u fl-aħħar tal-attività, ir-residenti tal-Iklin kienu mistiedna jiġbru x-xtieli biex iżejna l-ġonna, parapetti, galleriji u l-aperturi tar-residenzi bħala souvenir ta' din l-attività.

Kien ta' sodisfazzjoni kbir għall-Kunsill li din l-attività edukattiva tat ukoll l-ispazju lil Puttinu Cares biex ikun f'qalb din l-attività.

**Laqgħa mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Silvio Parnis dwar materji pendenti fil-lokalità**

Fis-26 ta' Settembru saret laqgħa mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Silvio Parnis dwar materji pendenti fil-lokalità. Kien diskuss l-art pubblika ta' Triq San Mikiel, l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, l-

art pubblika li tinsab mitluqa/abbandunata fi Triq Pawlu Grech, u dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni li teżisti bejn il-Kunsilli u l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

Il-Kunsill kien rappreżentattiv mis-Sindku Anthony Dalli, il-Viċi Sindku Dorian Sciberras, u l-Kunsillieri Maris Azzopardi u Yvonne Bartolo. Kienet laqgħa kordjali u min-naħa tiegħu, l-On. Parnis filwaqt li ħa notament stqarr li jkun tajjeb li l-*istatus* fuq dawn il-proġetti proposti jkun infurmat dwarhom is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjetà li dawn l-issues jaqgħu direttament taħt id-dekasteru tiegħu.

**Laqgħat mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr. Anthony Agius Decelis dwar l-aċċessibilità tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

Fl-1 ta' Novembru, is-Sindku Anthony Dalli kellu laqgħa mal-Onorevoli Dr. Agius Decelis dwar in-nuqqas ta' aċċess fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-komunità tal-Iklin qed tikber fl-età u kien għalhekk importanti li nindirizzaw din l-*issue* tal-aċċessibblità fil-lokal minn kull aspett partikolarment l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għaliex huwa problematiku għall-anzjani u għall-persuni bi bżonnijiet differenti. Is-Sindku staqsa dwar xi skemi li jeżistu fil-mument biex il-Kunsill ikun jista jibbenifika minn xi skema biex isir *stairlift* għall-benefiċċju ta' dawk il-persuni li għandhom problem ta' mobilità. L-Onorevoli ħa notament u ressaq suġġeriment biex il-Kunsill jitkellem mall-Commission for the Rights of Persons with Disability għal direzzjoni.

**Laqgħa mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Chris Agius dwar is-sit ta' San Mikiel**

Lejliet l-aħħar tas-sena preċiżament nhar id-29 ta' Diċembru 2017 inżammet laqgħa fid-9.00 am fl-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjetà l-Onorevoli, is-Sur Chris Agius dwar l-art pubblika fi Triq San Mikiel.

Preżenti għal din il-laqgħa kienu l-Onorevoli Chris Agius, is-Sur Mario Fava - President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Sindku Anthony Dalli, il-Viċi Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Kunsillier Yvonne Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Etienne Montfort għall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Kienu wkoll preżenti Dr. Peter Fenech u Samuel Cutajar bħala rappreżentanti tal-Club Lija Athletics, is-Sur Joseph Buttigieg bħala rappreżentant ta' Lija/Iklin FYN, Dr. Matthew Paris, Viċi President tal-Malta Football Association, u CEO ta' Sport Malta Dr. Chris Bonnett.

L-Onorevoli Chris Agius għamel introduzzjoni fejn qal li s-Sindku Anthony Dalli kien iltaqa' miegħu nhar it-22 ta' Novembru u fejn għarrfu bil-proċess kollu li għadda minnu l-Kunsill Lokali L-Iklin matul dawn l-aħħar snin dwar il-proġett propost tal-Kunsill Lokali L-Iklin. L-Onorevoli huwa ben infurmat li art kienet ingħatat b'*encroachment* lil JB Stores. Madankollu, ma jżomm xejn lill-Gvern biex din l-art pubblika tgħaddi lil xi entità lokali biex jiżviluppaha flimkien mal-privat. Għamel riferenza għal *tripartite* bejn il-Kunsill Lokali L-Iklin, Sport Malta u l-privat.

L-Onorevoli Agius qal li l-iskop ta' din il-laqgħa bil-preżenza wkoll ta' *stakeholders* differenti kien proprju biex wieħed iħares 'il quddiem biex isir dan il-proġett. Semma li huwa kien ġej mis-settur sportiv u naturalment jifhem il-bżonnijiet u n-neċessitajiet tal-Clubs lokali filwaqt li jara wkoll il-possibiltà li din l-art pubblika tista tingħata b'devoluzzjoni lill-Kunsill Lokali L-Iklin.

Is-Sindku Anthony Dalli spjega li l-Kunsill kien ottjena l-permess tal-MEPA lura fl-2011 u din kienet talba tad-Dipartiment tal-Artijiet biex il-Kunsill jissottometti *full development permit* biex id-Dipartiment ikun jista jipproċedi u eventwalment joħroġ sejħa pubblika. Verament li għadda ż-żmien u forsi nbidlu l-proċeduri però enfasizza li l-Kunsill Lokali L-Iklin kien mitlub mid-Dipartiment tal-Artijiet biex jottjeni l-permess tal-MEPA u dan kien ifisser spejjeż amministrattivi tal-permess tal-MEPA u servizzi oħra perizjali. Imbagħad, is-Sindku reġa espona l-pjanta tal-proġett propost li tirrigwarda *'Recreational Park with underlying Car Park'* kif approvata mill-MEPA.

Peress li kien hemm diverġenzi fil-ħsieb minn *stakeholders* oħra preżenti waqt il-laqgħa, kien deċiż li ssir laqgħa oħra fl-immedjat biex isir qbil fuq il-kunċett u jiġi ppreżentat lill-On. Chris Agius għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

**Xogħlijiet infrastrutturali fil-lokalità**

Fil-Pjan ta' Ħidma, il-Kunsill Lokali kien fir-responsabbiltà u fl-obbligu li jtejjeb l-infrastruttura tal-lokal. Matul is-sena 2017, il-Kunsill ħa ħsieb reinstatement ta' bankini fi Triq Stefano Erardi, reinstatement ta' passaġġ fi Triq Karmenu Vassallo ma' Triq Anton Manoel Caruana, restawr ta' ħitan tas-sejjieħ li kkollassa fi Triq San Mikiel, l-implimentazzjoni ta' pedestrian crossing fi Triq il-Wied, u xogħlijiet ančillari bħal fil-każ tal-manutenzjoni tal-playingfield, manutenzjoni tas-sinjali u l-marki tat-toroq, tindif ta' rain water culverts, u xogħlijiet oħra li saru mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

**Applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp fl-Iklin**

Fuq proġetti kbar, il-Kunsill Lokali għandu rappreżentanza fil-Planning Board tal-Awtorità bi dritt għall-vot. Matul is-sena 2017, is-Sindku Anthony Dalli eżerċità l-vot fuq l-applikazzjoni partikolari. Il-Bord iltaqa' nhar it-2 ta' Marzu 2017. Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Ippjanar kienet waħda unanima favur l-iżvilupp suġġett li jissodisfa numru ta' kundizzjonijiet.

Matul is-sena 2017, il-Kunsill Lokali kien ferm impenjat bin-numru sinjifikanti ta' applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp. Il-Kunsill jinnota li bit-tibdil li saru fil-*planning policies*, il-lokal tal-Iklin qed jitlef il-karatteristiċi tiegħu fejn numru ta' *terraced houses* qed jiġu konvertiti fi blokka ta' appartamenti. Minħabba l-għoli, il-massa, u d-disinn ta' dawn il-blokki, ċertament qed iħalli effetti negattivi fuq l-i*streetscape* tal-lokal.

Il-Kunsill Lokali permezz tal-Konsulenti tiegħu, jinnota kull applikazzjoni li tiġi sottomessa għand l-Awtorità tal-Ippjanar u jsir monitoraġġ tal-applikazzjonijiet fejn fuq il-pariri tal-Konsulent, jissottometti rappreżentazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar applikazzjonijiet li jmorru kontra l-*policy objectives*.

Matul is-sena 2017, il-Kunsill Lokali jinnota li ġew sottomessi applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp f'żoni barra mill-Iżvilupp. F'kull każ, il-Kunsill Lokali ippreżenta sottomissjonijiet dwar dawn l-applikazzjonijiet proposti għall-iżvilupp bil-għan li jipproteġi iż-żona rurali.

**Laqgħa Plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali**

Il-Kunsill Lokali L-Iklin kien preżenti għal din il-laqħa annwali bil-parteċipazzjoni tas-Sindku Anthony Dalli, il-Viċi Sindku Dorian Sciberras, u l-Kunsillieri Yvonne Bartolo u Maris Azzopardi.

Is-Sindku għamel introduzzjoni dwar is-suġġett li kien jitratta dwar 'Is-sistema tal-LESA'.

**Proġett pilota 'iRecycle' mall-kumpannija awtorizzata GreenMT**

Il-proġett pilota 'iRecycle' li kien beda f'Ġunju 2016 kien magħluq f'Mejju tas-sena 2017. Il-parteċipazzjoni tar-residenti f'dan il-proġett kienet waħda tajba ħafna fejn skont l-istatistika jidher li kien hemm madwar (800) familja mill-Iklin li ħadu sehem matul l-40 ġimgħa konsekuttiva f'dan il-proġett pilota.

L-aqwa *best recyclers* f'dan il-proġett pilota kienu mistiedna f'avveniment Green MT Awards organizzat mill-kumpannija GreenMT nhar is-27 ta' Ġunju 2017 biex ġew ippreżentati l-premijiet lil dawk ir-residenti li kienu fost l-aqwa *recyclers* matul din l-inizjattiva ambjentali. Is-Sindku Anthony Dalli ippreżenta *vouchers* lir-residenti tal-Iklin li kienu fost l-aqwa *best recyclers* f'dan il-proġett pilota.

**L-amministrazzjoni u l-operat tal-Kunsill**

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta minn Segretarju Eżekuttiv f/timer, Asst. Prinċipal Uffiċċjal u Part-Time Clerk. Fil-każ tal-Asst. Prinċipal Uffiċċjal, il-Kunsill Lokali kien approva li din l-impjegata tibbenifika mill-*Family Friendly Measures* u taħdem bi *reduced hours* għal 30 siegħa fil-ġimgħa. Ħaddiem assenjat mall-Kunsill tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation u ħaddiem ta' RSSL assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Matul is-sena li għaddiet, l-amministrazzjoni ppruvat tidentifika n-nuqqasijiet li seta' kien hemm fl-għoti ta' servizzi u anke tindika l-livell ta' servizz li qed jingħata biex inkomplu ntejbu s-servizzi li noffru.

Il-Kunsill Lokali joffri diveri servizzi pubbliċi huma varji. L-amministrazzjoni għandha l-għan li toffri s-servizzi b'mod effiċċjenti u effikaċi.

Matul is-sena 2017, il-Kunsill Lokali irċieva (260) ilment li jvarjaw minn qtugħ ta' lampi fit-toroq residenzjali sa *water leakages, traffic management isssues, defective surfaces,* u oħrajn. (205) tal-ilmenti ngħalqu a sodisfazzjon tal-klijenti filwaqt li l-Uffiċċju għadu jsegwi l-pendenzi bil-għan li jiġu ndirizzati u solvuti jiddependi min-natura tal-ilment. Jista jagħti l-każ li l-Kunsill Lokali jkun irid jirriferi dawn l-ilmenti lill-entitajiet oħra li jieħdu aktar żmien biex il-każijiet jiġu investigati u ittrattati.

Minn żmien għal żmien, ikun hemm tibdil fil-policies u proċeduri fejn il-Kunsill Lokali ried jaderixxi magħhom. Ħafna mid-drabi, ghalkemm it-tibdil ikun meħtieġ, il-proċessi jitwalu u trid taħdem fuq *time management.*

Skont l-istatistika li nġabret mill-Uffiċċju, il-Kunsill Lokali ħareġ madwar (389) permess għal Depożitu ta' Makkinarju goff, (76) permess għal Depożitu ta' Skip Industrijali f'toroq residenzjali, (38) permessi għal Twaqqif ta' Posta jew Kiosk, (8) permessi għal xogħlijiet ta' trinek.

Il-Kunsill Lokali joffri servizzi oħra bħal tqassim ta' vouchers (The Celiac Voucher Scheme), u s-servizzi oħra bħal 'Seasonal Influenza vaccine' fejn skont l-informazzjoni li ġbart, kienu 285 resident 'il fuq minn 55 sena li ngħataw dan is-servizz bħala prevenzjoni kontra l-influenza.

Il-Kunsill Lokali joffri wkoll servizzi oħra bħal ħlas tal-liċenzi tal-ħwienet tan-negozju, il-ħlas tal-multi, il-kirjiet, u naturalment iservi bħala *one stop shop* dwar servizzi pubbliċi online.

**Sessjonijiet ta' informazzjoni u taħriġ għall-amministrazzjoni**

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal sena oħra kien katalista biex iħarreġ lis-Segretarji Eżekuttivi dwar tibdil fir-regolamentazzjoni dwar l-Akkwist Pubbliku.

Mill-1 ta' Jannar 2018, ser jidħlu fis-seħħ numru ta' avviżi legali u l-Kunsilli għandhom jimxu strettament mal-Public Procurement Regulations. Matul is-sena, l-istaff tal-Kunsill attenda wkoll għall-kors dwar EPPS u kors dwar *Office Safety Training*.

**Kontijiet Bankarji**

**Bilanċi fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank sal-31.12.2017**

| | | |
|---|---|---|
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti: | Eur135,578.46c |
| HSBC Bank: | Kont Savings: | Eur40,397.40c |
| HSBC Bank: | Kont Fiss (1) | Eur7,316.10c |
| HSBC Bank: | Kont Savings | Eur53,099.94c |

| | | |
|---|---|---|
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur1,864.48c |
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur0.01c (Ecommerce Merchant Account) |

| | |
|---|---|
| Petty Cash | Eur69.88 |

**Għeluq**

Wasalt biex nikkonkludi dan ir-rapport u xtaqt nirringrazzja lis-Sindku Anthony Dalli tas-sapport u l-impenn sħiħ tiegħu u lill-Kunsillieri tad-disponibiltà, l-impenn u l-kontribut lejn ir-residenti u l-lokalità. Sintendi nirringrazzja lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha, lill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill u fl-aħħarnett lir-residenti li ta' din il-lokalità li tappoġġjaw l-inizjattivi li jieħu l-Kunsill fl-interess tar-residenti u tal-lokal.

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

10/01/2018